**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 39/2016JB

Numru: 16

**J.J. Scerri Company Limited (C19742)**

***vs***

**John Borg (K.I.: 471297M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-21 ta' Ottubru 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u erbgha u disghin euro u tnax-il centezmu (€694.12) liema somma tirraprezenta prezz ta' *fridge* tal-marka Techwood u spejjez tal-kunsinna. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2016 (a fol 8);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 2ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar l-1 ta' Novembru 2016, ipprezenta risposta (a fol 11) fejn fiha eccepixxa li (i) t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) jirrizulta li l-*fridge* mibjugha kienet difettuza tant li ftit gimghat wara li twasslet ghand il-klijent, din il-*fridge* regghet ittiehdet ghat-tiswija; (iii) tali tiswijiet damu sejrin xhur shah, ma sarux skond l-arti u s-sengha u li wara madwar sena minn meta inbieghet tali *fridge*, il-klijent mhux lest li jaccettaha.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda l-prezz ta' *fridge* mibjugha u kkonsenjata lill-Konvenut u spejjez tal-konsenja. Jidher li ftit taz-zmien wara li giet konsenjata, din il-*fridge* intbaghtet lura minhabba xi tiswija li kellha bzonn. Il-partijiet jaqblu li l-fridge kienet qed taghmel is-silg. Il-Konvenut jghid li kienet difettuza, ir-rapprezentanti tas-Socjeta Attrici jghidu li l-*fridge* kienet tajba u li kull ma kellha bzonn kien semplici *setting* tat-*thermostat*. Mill-assjem tal-provi, irrizulta wkoll li din il-*fridge* kellha xi daqqiet zghar. Il-Konvenut jghid li hu kien kellem lill-persuna li lilu kien bieghha u dan qallu li laqatha u li kellha daqqa hafifa fil-genb. Jidher li meta l-*fridge* intbaghtet ghat-tiswija, damet xi ftit zmien mhux hazin ghand is-Socjeta Attrici.

Ikkunsidra;

Illi jidher car li bejn il-partijiet kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni li xejn ma ghen sabiex l-affarijiet jimxu sew. Madankollu, fil-fehma tat-Tribunal, il-kwistjoni hija wahda ta' bejgh u ghalhekk il-vertenza ghandha tigi rizolta fil-kuntest ta' dak li tipprovdi l-ligi dwar il-bejgh.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi, ma jidhirx li l-Konvenut ha xi passi kif trid il-ligi sabiex jittutela l-pozizzjoni tieghu izda sempliciment baghat il-*fridge* ghat-tiswija u telaqha ghand is-Socjeta Attrici. Fil-fehma tat-Tribunal, dan mghandux iwassal ghal thassir tal-bejgh. Il-fatt li l-*fridge* kienet garrbet xi hsarat xejn ma jghin il-pozizzjoni tal-Konvenut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li l-*fridge* inbieghet lill-Konvenut u kwindi dan ghandu jhallas il-prezz taghha. Jekk kien hemm xi cirkostanzi li jaghtu lok ghal thassir tal-bejgh, kien imiss lill-Konvenut jittutela l-pozizzjoni tieghu bl-opportuna azzjoni. Ghalhekk, it-talba odjerna se tigi milqugha, prevja li l-eccezzjonijiet jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €694.12, bl-imghax skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*